A.L. 249 ta' l-2008

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti ta' l-2008 dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dwar ir-regolamenti li ġejjin:-

Titlu, skop u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti ta' l-2008 dwar is-suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jirregola is-suq tal-gass *petroleum* likwefatt f'Malta.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fis-7 ta' Ottubru, 2008.

Tifsiriet.

2. (1) Kemm–il darba ma jiġix stabbilit mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw it-tifsiriet fl-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"applikant" tfisser applikant għal awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt dawn ir-Regolamenti;

"*autogas*" tfisser gass *petroleum* likwefatt għall-użu ta' propulsjoni ta' vetturi bil-mutur;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi stabbilita mill-Artiklu 3 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi; Kap. 423.

"awtorizzazzjoni" tfisser kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda għandha tfisser awtorizzazzjoni mogħtija taħt ir-Regolamenti dwar il-*Petroleum* għas-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art meta din tinħareġ għar-rigward tal-GPL;

"bejgħ bl-imnut" tfisser il-bejgħ tal-GPL lill-klijenti aħħara;

"ċilindri li jistgħu jinġarru" jew "ċilindri" tfisser kontenituri li jistgħu jinġarru u li huma tajbin għall-użu mal-GPL u li jikkonformaw mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Tagħmir tal-Pressa Trasportabbli;

A.L. 331 ta' l-2002.

"distributur tal-GPL f'ammonti kbar" tfisser persuna li skond il-pattijiet ta' l-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità tkun awtorizzata li ġġorr u, jew tqassam il-GPL f'ammonti kbar u, jew tbiegħ bl-imnut il-GPL f'ammonti kbar lill-faċilitajiet awtorizzati u, jew li tbiegħ bl-ingrossa, iġġorr u, jew tqassam il-GPL f'ammonti kbar lill-istazzjonijiet minn fejn jinbiegħ l-*autogas* bl-imnut;

"faċilità awtorizzata" tfisser faċilità li għaliha tkun inħarġet awtorizzazzjoni u li tinkludi kull bini, tankijiet, sistema ta' pajpijiet, pompi, *dispensers*, tagħmir elettroniku, aċċessorji, dranaġġ, tagħmir anċillari, in-naħa ta' quddiem tal-faċilità u kull beni oħra f'dik il-parti tal-faċilità li għandha x'taqsam mal-GPL;

"faċilità primarja tal-ħżin tal-GPL" tfisser faċilità awtorizzata, approvata mill-Awtorità u maħruġa b'awtorizzazzjoni għall-faċilità primarja tal-ħżin skond ir-Regolamenti ta' l-2007 dwar il-*Petroleum* għas-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art u li tintuża mill-provditur awtorizzat kif imsemmi aktar qabel għall-ħżin tal-GPL;

A.L. 278 ta' l-2007.

"faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL" tfisser faċilità tal-ħżin li ma tkunx faċilità primarja tal-ħżin, bi ħżin minimu li jiflaħ jew aktar minn 150 kilogramma ta' GPL jew sitt ċilindri jew aktar tal-GPL imqabbdin flimkien, liema jkun l-anqas:

Iżda faċilità tal-ħżin m'għandhiex tkun faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL sakemm il-GPL maħżun fiha ma jkunx għall-użu esklussiv tal-persuna awtorizzata;

"GPL" tfisser gass *petroleum* likwefatt, magħmul jew minn propan jew butan, skond BS 4250: 1997 jew l-ekwivalenti jew taħlita taż-żewġ tipi ta' gass skond l-MSA EN 589;

"installazzjoni fissa ta' pajpijiet" tfisser faċilità awtorizzata għall-ħżin u, jew tqassim u bejgħ bl-imnut tal-GPL permezz ta' faċilità ta' ħżin imqabbda ma' installazzjoni ta' pajpijiet;

"klijent aħħari" tfisser persuna naturali jew ġuridika li tixtri l-GPL għall-użu tagħha u mhux biex jerġa' jinbiegħ jew għal għanijiet ta' trasferiment;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-riżorsi;

"persuna" tinkludi individwu, intrapriża, korp jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni, kemm jekk dan il-korp jew assoċjazzjoni tkun persuna ġuridika kemm jekk ma tkunx;

"persuna awtorizzata" tfisser klijent aħħari awtorizzat mill-Awtorità biex jopera faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL skond dawn ir-regolamenti;

"persuna kompetenti" tfisser persuna approvata mill-Awtorità li għandha *warrant* biex tipprattika il-professjoni ta' inġinier taħt l-Att dwar il-Professjoni ta' l-Inġinerija jew il-kwalifika professjonali ekwivalenti taħt l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reiproku ta' Kwalifiki, u li jkollha taħriġ tajjeb, għarfien suffiċjenti, esperjenza u kapaċità fit-teknoloġija tal-gass hekk kif approvati mill-Awtorità biex: Kap. 321. Kap. 451.

(a) twettaq spezzjonijiet ta' verifika tal-faċilitajiet awtorizzati li għandhom jinkludu dan li ġej:

(i) installazzjonijiet fissi ta' pajpijiet;

(ii) faċilitajiet sekondarji tal-ħżin tal-GPL;

(iii) stazzjonijiet minn fejn jinbiegħ l-*autogas* bl-imnut.

(b) tissorvelja t-tibdil materjali li jsir fil-faċilitajiet awtorizzati, installazzjonijiet fissi ta' pajpijiet, faċilitajiet ta' ħżin sekondarji tal-GPL, u fl-istazzjonijiet minn fejn jinbiegħ l-*autogas* bl-imnut;

(ċ) tiċċertifika bil-miktub illi l-faċilitajiet awtorizzati, installazzjonijiet fissi ta' pajpijiet, faċilitajiet sekondarji ta' ħżin tal-GPL, jew stazzjonijiet minn fejn jinbiegħ l-*autogas* bl-imnut, huma mfassla u miżmuma kif stabbilit fil-

kundizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni u skond linji gwida u Kodiċi ta' Prattika debitament approvati mill-Awtorità;

(d) twettaq xogħol ieħor ta' natura teknika li jkun kumplimentari jew anillari ma' dak imsemmi aktar qabel;

"provditur awtorizzat" tfisser provditur awtorizzat mill-Awtorità biex jimporta u, jew ibiegħ bl-ingrossa l-GPL jew biex iħaddem faċilità primarja tal-ħżin jew biex jibbottilja l-GPL skond ir-Regolamenti dwar il-*Petroleum* għas-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art jew biex ibiegħ bl-ingrossa, ibiegħ bl-imnut, iġorr u, jew iqassam il-GPL bl-ingrossa permezz ta' vettura li tqassam il-GPL bl-ingrossa jew biex iqassam il-GPL permezz ta' installazzjoni fissa ta' pajpijiet jew biex ibiegħ bl-imnut il-GPL, inkluż il-bejgħ bl-imnut ta' ċilindri mimlija bil-GPL li jistgħu jinġarru, skond dawn ir-regolamenti;

"punt fiss ta' bejgħ" tfisser arja speċifika magħżula mill-Awtorità, u debitament approvata minn kull awtorità oħra kompetenti u b'konsultazzjoni ma' kull awtorità rilevanti, minn fejn persuna debitament awtorizzata mill-Awtorità tkun tista' tbiegħ bl-imnut ċilindri li jistgħu jinġarru mimlija bil-GPL;

"spettur" tfisser kull impjegat jew uffiċjal ta' l-Awtorità jew kull persuna oħra mqabbda u awtorizzata bil-miktub mill-Awtorità skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att biex tispezzjona u tivverifika l-konformità ma' dawn ir-regolamenti u ma' kull kundizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni;

"stazzjon minn fejn jinbiegħ l-*autogas* bl-imnut" tfisser faċilità awtorizzata mill-Awtorità sabiex taħżen u tbiegħ bl-imnut l-*autogas* u li tista' tkun soġġetta għal kull kundizzjoni li l-Awtorità tista' tistabbilixxi;

"tibdil materjali" tfisser kull tibdil li, fil-limiti ta' l-applikazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni, jista' fl-opinjoni ta' l-Awtorità jaffettwa l-operazzjoni kif dovuta li ssir u sigura tal-faċilità awtorizzata jew ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL u tinkludi bidla, tneħħija, irranġar, skambjar jew waqfien mill-użu ta' xi tagħmir, kemm jekk ta' l-elettriku jew mekkaniku, li jista' jaffettwa l-operazzjoni sigura tal-faċilità awtorizzata;

"vettura għall-ġarr f'ammonti kbar tal-GPL" tfisser vettura (inkluż dak kollu li tikkontjeni) hekk kif imfissra fir-Regolamenti ta' l-2003 dwar Vetturi bil-Mutur (Trasport Tal-Merkanzija Perikoluża bit-Triq) magħżula għall-għan tat-trasport u, jew tqassim

A.L. 211 ta' l-2003.

tal-GPL lill-faċilitajiet awtorizzati, lill-faċilitajiet sekondarji ta' ħżin tal-GPL u lill-istazzjonijiet minn fejn jinbiegħ l-*autogas* bl-imnut.

Ħżin minimu li jesa' faċilità primarja ta' ħżin li tintuża għal ħżin ta' GPL.

3. (1) Il-provditur awtorizzat li hu d-detentur ta' awtorizzazzjoni:-

(a) biex iwettaq l-attività ta' importatur u, jew grossista ta' GPL jew biex jibbottilja jew jgħabbi GPL, jew biex iwettaq l-attivitajiet kollha hawn imsemmija, jew xi wħud minnhom, fl-istess ħin;

(b) biex jopera faċilità primarja ta' ħżin ta' GPL,

għandu jeħtieġ li jkollu faċilità ta' ħżin li tintuża għall-ħżin ta' GPL b'ħażna minima li tesa' 50 tunnellata kif speċifikat fil-Kolonna 2 tat-2 Parti ta' l-1 Skeda tar-Regolamenti 2007 dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar. A.L. 37 ta' l-2003.

(2) Il-faċilità ta' ħażna ta' 50 tunnellata msemmija fis-subregolament (1) m'għandhiex għalfejn tkun il-proprjetà tal-provditur awtorizzat:

Iżda l-imsemmija faċilità ta' ħżin ta' 50 tunnellata m'għandhiex tkun mogħtija jew akkordata lil xi provditur awtorizzat ieħor.

Livell ta' stokk minimu ta' GPL li għandu jinżamm minn provditur awtorizzat.

4. Il-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mill-Awtorità biex jimporta jew ibiegħ bl-ingrossa jew jaħżen u jibbottilja l-GPL għandu jżomm livell minimu ta' stokk ekwivalenti għal 20% tat-total li l-faċilità ta' ħżin tiegħu ta' GPL tiflaħ taħżen. Dan il-livell minimu ta' 20% jista' jinkludi fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorità, reipjent mimli bil-GPL għat-tluq lejn, jew fi transit għal Malta meta garantit bil-qies tal-faċilità u l-iskala ta' operazzjonijiet involuti:

Stokk minimu garantit ta' GPL.

Iżda l-provditur awtorizzat għandu jżomm ukoll fl-istokk, kull ħin, bħala parti mit-total li jesa' il-ħżin tiegħu, stokk minimu garantit ta' GPL ekwivalenti għall-medja totali ta' bejgħ f'Malta u Għawdex, matul tmint ijiem tas-sena ta' qabel tal-kalendarju. Meta tikkalkula l-ammont li għandu jinżamm bħala minimu ta' stokk garantit tal-GPL, l-Awtorità għandha tikkunsidra kull fattur ta' l-istaġun li jista' jkun preżenti. Il-provditur awtorizzat m'għandux ikun meħtieġ li jżomm dan il-minimu ta' stokk garantit ta' GPL meta dan l-ammont ikun inqas mil-livell minimu ta' stokk ekwivalenti għal 20% tat-total li l-faċilità primarja ta' ħżin tiegħu ta' GPL tiflaħ taħżen.

Iżda wkoll il-minimu ta' stokk garantit ta' GPL meħtieġ li jkun miżmum mill-provditur awtorizzat skond dawn ir-regolamenti, għandu jkun miżmum, mingħajr preġudizzju għal kull obligazzjoni li taqa' fuq il-provditur awtorizzat, fir-rigward taż-żamma ta' sigurtà minima ta' stokks ta' prodotti ta' *petroleum*, li joħorġu minn kull obligazzjoni nazzjonali jew internazzjonali.

Ħżin minimu ta' GPL li jesgħu u li għandu jinżamm f'ċilindri.

5. Provditur awtorizzat, li għalih tinħareġ awtorizzazzjoni mill-Awtorità biex ibiegħ bl-ingrossa jew jaħżen u jibbottilja l-GPL għandu jżomm, f'kull ħin, kemm jiflaħ ħżin minimu ta' GPL, ekwivalenti għall-ammont ta' fornituri f'ġurnata f'ċilindri li jkunu diġà mimlija, li għandhom jiġu miżmuma bħala stokk għal operazzjonijiet, liema ammont ta' fornitura ta' ġurnata għandha tiġi kkalkulata skond il-bejgħ totali tal-provditur awtorizzat fis-sena ta' qabel tal-kalendarju. Meta tikkalkula il-minimu ta' stokk garantit ta' GPL li għandu jinżamm f'ċilindri diġà mimlija, l-Awtorità għandha tikkunsidra kull fattur ta' l-istaġun li jista' jkun preżenti.

Iżda l-ammont miżmum f'ċilindri digà mimlija jista' jitpaċċa ma' l-ammont meħtieġ biex ikun miżmum skond regolament 3.

Awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-Awtorità.

6. (1) Ebda persuna m'għandha, sakemm ma tiġix mogħtija awtorizzazzjoni valida skond dawn ir-regolamenti, twettaq xi waħda mill-operazzjonijiet u, jew attivitajiet li ġejjin:

(a) il-bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlija bil-GPL inkluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ;

(b) operazzjoni ta' installazzjoni fissa ta' pajpijiet;

(ċ) operazzjoni ta' pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut;

(d) l-attività ta' distributur tal-GPL f'ammonti kbar;

(e) operazzjoni ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL

Tipi ta' awtorizzazzjonijiet.

(2) L-Awtorità tista' tagħti awtorizzazzjoni u, jew awtorizzazzjonijiet għal:

(a) twettiq ta' attività ta' distributur tal-GPL f'ammonti kbar;

(b) operazzjoni ta' installazzjoni fissa ta' pajpijiet;

(ċ) operazzjoni ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL;

(d) twettiq ta' attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlija bil-GPL inkluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ;

(e) operazzjoni ta' pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut:

Iżda din il-persuna jew provditur awtorizzat li jkun ingħata awtorizzazzjoni, għandu jissodisfa dawk il-kundizzjonijiet kollha li jistgħu ikunu speċifikati fl-awtorizzazzjoni, f'dawn ir-regolamenti jew f'xi liġijiet oħra applikabbli.

(3) Fil-każ ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL li tikkonsisti f'sitta iżda mhux aktar minn tmienja ċilindri tal-GPL li jinġarru u li huma mqabbda flimkien ikun meħtieġ avviż li jiġi ppreżentat fil-forma stabbilita mill-Awtorità minflok ma ssir applikazzjoni għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni għal faċilità sekondarja tal-ħżin. Wara li jiġi riċevut dak l-avviż, l-Awtorità tista' teħtieġ lill-applikant li jippreżenta ċertifikati minn persuna kompetenti tal-faċilità tal-ħżin.

Ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet.

7. (1) Awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu maħruġa mill-Awtorità fir-rigward ta' l-eżekuzzjoni ta' l-operazzjonijiet, attivitajiet u prattiċi imsemmija f'dawn ir-regolamenti u għandhom jinkludu il-pattijiet u l-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni ta' dawn l-operazzjoniet, attivitajiet u prattiċi.

(2) Awtorizzazzjoni maħruga mill-Awtorità, għandha tkun bil-miktub u, sakemm ma tiġix ikkanċellata, sospiża jew revokata skond xi kundizzjoni imsemmija fiha jew skond dawn ir-regolamenti, jew skond regolamenti oħra għandha tibqa' fis-seħħ għal dak il-perjodu li jista' jkun speċifikat fiha, jew determinat skond jew taħt l-awtorizzazzjoni.

Ħruġ ta' awtorizzazzjoni waħda.

(3) Xejn f'dawn ir-regolamenti m'għandu jwaqqaf lill-Awtorità milli toħroġ awtorizzazzjoni waħda li tinkludi aktar minn awtorizzazzjoni waħda.

Ħruġ ta' awtorizzazzjoni waħda.

(4) Awtorizzazzjonijiet, sakemm mhux revokati, għandhom ikunu validi għal perjodu ta' snin ekwivalenti għal:

(a) għaxar snin fil-każ ta' awtorizzazzjoni li tħaddem pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut;

(b) sitt snin fil-każ ta' awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' l-attività ta' distributur tal-GPL f'ammonti kbar;

(ċ) sitt snin fil-każ ta' awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' l-attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlija bil-GPL inkluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ;

(d) għoxrin sena fil-każ ta' awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' installazzjoni fissa ta' pajpijiet;

(e) għaxar snin fil-każ ta' awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL.

Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni.

(5) Kull persuna li tixtieq:

(a) twettaq l-attività ta' distributur tal-GPL f'ammonti kbar;

(b) tħaddem installazzjoni fissa ta' pajpijiet;

(ċ) tħaddem faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL;

(d) twettaq l-attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlija bil-GPL inluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ;

(e) tħaddem pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut;

għandha tippreżenta applikazzjoni bil-miktub lill-Awtorità bil-mod kif l-Awtorità tista' tordna. Dritt ta' applikazzjoni mhux rifondat kif stabbilit fl-Ewwel Skeda għandu jitħallas lill-Awtorità ma' l-applikazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni.

Proċedura biex tiddettermina l-applikazzjoni.

(6) L-Awtorità għandha tistabbilixxi il-proċeduri tagħha, li għandhom jiġu mgħarrfa lill-pubbliku għall-iskopijiet biex tiddetermina xi applikazzjoni għal:

(a) twettiq ta' attività ta' distributur tal-GPL f'ammonti kbar;

(b) operazzjoni ta' installazzjoni fissa ta' pajpijiet;

(ċ) operazzjoni ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL;

(d) twettiq ta' attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlija bil-GPL inkluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ;

(e) operazzjoni ta' pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut.

(7) L-Awtorità għandha tgħarraf lill-applikant bil-miktub, fi żmien raġonevoli, liema żmien raġonevoli m'għandux ikun ta' aktar minn tliet xhur mid-data ta' l-irċevuta ta' applikazzjoni valida, għal kull deċiżjoni meħuda li tikkonċerna applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jew applikazzjoni għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni, jew ta' kull raġuni valida li timpedixxi lill-Awtorità milli tilħaq tali deċiżjoni. Deċiżjoni fuq applikazzjoni mill-Awtorità.

(8) Kif tiskadi l-awtorizzazzjoni, din tista' tiġi mġedda, u applikazzjoni għal tiġdid ta' awtorizzazzjoni, bil-mod kif l-Awtorità tista' tirrikjedi, għandha tiġi sottomessa bil-miktub lill-Awtorità sitt xhur qabel id-data meta tiskadi l-awtorizzazzjoni. L-Awtorità tista' tirranġa, tbiddel, tissostitwixxi, iżżid u tħassar kull kundizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni fl-awtorizzazzjoni mġedda u iżżid kundizzjonijiet speċifiċi relevanti għal kull awtorizzazzjoni individwali kif l-Awtorità tikkunsidra li huma ġustifikati b'mod raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Tiġdid, tibdil ta' awtorizzazzjoni.

(9) Awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti m'għandhiex teżenta lill-provditur awtorizzat mill-ħtieġa li jakkwista xi awtorizzazzjoni oħra jew permess kif jista' jkun meħtieġ skond xi liġi oħra.

8. (1) L-ewwel dritt ta' awtorizzazzjoni għandu jitħallas mill-provditur minnufih ma' l-għoti ta' l-awtorizzazzjoni, u minn hemm 'il quddiem, kull sena mill-anniversarju ta' l-għoti ta' tali awtorizzazzjoni jew f'xi data oħra li l-Awtorizzazzjoni tista' tistabbilixxi b'mod raġonevoli: Ħlas ta' dritt ta' awtorizzazzjoni.

Iżda l-awtorizzazzjoni m'għandhiex tkun valida sakemm jitħallas il-pagament ta' l-ewwel dritt ta' awtorizzazzjoni.

(2) L-ammont ta' dritt ta' awtorizzazzjoni għandu jkun skond it-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u għandu jitħallas lill-Awtorità flimkien ma' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.

(3) Jekk dritt ta' awtorizzazzjoni li għandu jiġi mħallas taħt subregolament (2) ma jitħallasx fi żmien tletin ġurnata, l-Awtorità għandha wara li jgħaddi tali żmien tgħarraf lill-provditur awtorizzat ta' min id-dritt ta' awtorizzazzjoni ma jkunx ġie mħallas billi tinfurmah rigward in-nuqqas tiegħu milli jħallas tali dritt.

(4) L-Awtorità għandha tiġi meqjusa li mxiet skond subregolament (3) jekk dan it-tagħrif jiġi mibgħut bil-posta reġistrata, fl-indirizz tas-soltu jew l-aħħar magħruf tal-provditur awtorizzat ta' min id-dritt ta' awtorizzazzjoni ma jkunx ġie mħallas.

Ħtieġa biex terġa tapplika f'każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' awtorizzazzjoni.

9. (1) Jekk dritt ta' awtorizzazzjoni ma jitħallasx fi żmien tletin ġurnata wara d-data f'liema t-tagħrif imsemmi ikun ntbagħat bil-posta reġistrata, l-awtorizzazzjoni li għandu x'jaqsam magħha ma tibqax fis-seħħ, u jekk il-provditur awtorizzat li lilu tkun ingħatat ikun jixtieq jerġa' jwettaq l-attività ta' distributur tal-GPL f'ammonti kbar biex iħaddem installazzjoni fissa ta' pajpijiet, faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL, biex iwettaq l-attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlija bil-GPL minn post fiss ta' bejgħ, inkluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ u biex iħaddem pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut, huwa jkun meħtieg biex japplika għal awtorizzazzjoni ġdida.

(2) Meta tikkunsidra kull applikazzjoni, l-Awtorità tista' tikkunsidra in-nuqqas ta' qabel ta' l-applikant milli jħallas id-dritt ta' awtorizzazzjoni u ta' kull spjegazzjoni li tirrigwarda dak in-nuqqas li l-applikant jista' jissottometti lill-Awtorità.

Kriterji li għandhom jiġu addottati mill-Awtorità.

10. (1) L-Awtorità għandha tadotta kriterji xierqa, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji dwar l-għoti ta' l-awtorizzazzjoni skond il-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Il-kriterji hawn qabel imsemmija għandhom jiġu ppubblikati mill-Awtorità.

(2) Meta tieħu deċiżjoni dwar l-għoti, il-ħruġ, l-emenda jew tiġdid jew kull ħaġa oħra li tolqot l-awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha teħtieġ lill-applikant jissodisfa il-kriterji li ġejjin, meta xieraq:

(a) il-konformità mill-applikant mal-permessi u l-awtorizzazzjonijiet l-oħra rilevanti, jkunu kif ikunu deskritti, maħruġa minn xi awtorità pubblika oħra;

(b) il-kapaċità ta' l-applikant li jiżgura l-kundizzjonijiet ta' sigurtà fil-kuntest ta' l-awtorizzazzjoni li jkun qed japplika għaliha;

(ċ) l-integrità privata u professjonali ta' l-applikant;

(d) il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema;

(e) il-protezzjoni ta' l-ambjent;

(f) ir-reġistrazzjoni ta' konformità ma' dawn ir-regolamenti u kull liġijiet oħra rilevanti mill-persuna li fuqha tkun ser tingħata d-deċiżjoni;

(ġ) il-konvenjenza tal-faċilità fir-rigward ta' sigurtà, saħħa, sigurezza, sustanzi perikolużi, ambjent, użu ta' l-art u ħtiġiet ta' l-ippjanar;

(g) il-bżonn għal faċilitajiet u servizzi li għandhom jiġu provduti lill-konsumaturi fil-faċilità in kwistjoni u sa fejn jistgħu jiġu moqdija l-interessi tal-konsumaturi;

(ħ) kull ħaġa oħra rilevanti għall-provvista b'mod ordinat tal-GPL f'Malta; u

(h) l-interess pubbliku in ġenerali.

Iżda meta tikkunsidra xi waħda mill-imsemmija hawn qabel, l-Awtorità għandha tagħti ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni tagħha. Kull tali deċiżjoni għandha tittieħed fil-konformità ma kull liġijiet u regolamenti applikabbli u b'mod oġġettiv, trasparenti u indiskriminatorju.

Kundizzjonijiet relatati ma' l-għoti u tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet.

11. L-Awtorità għandha tapprova applikazzjoni għal ħruġ ta' awtorizzazzjoni jew, jekk awtorizzazzjoni tkun ħarġet, hija għandha tapprova applikazzjoni għat-tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni, meta:

(a) l-Awtorità tikkunsidra li l-applikant ikun issodisfa l-kriterji meħtieġa jew mitluba biex jintlaħqu f'regolament 10;

(b) l-applikazzjoni jkun fiha dik l-informazzjoni kollha mitluba mill-Awtorità fil-formola ta' l-applikazzjoni jew kull informazzjoni oħra addizzjonali li l-Awtorità tista' titlob mingħand l-applikant bil-għan li tiġi stabbilita l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni;

(ċ) l-applikazzjoni jkollha magħha dak id-dritt ta' l-applikazzjoni kif speċifikat skond dawn ir-regolamenti.

Setgħat biex timponi kundizzjonijiet f'awtorizzazzjoni.

12. (1) L-Awtorità għandu jkollha s-setgħa li tinkludi f'awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti dawk il-kundizzjonijiet li l-Awtorità tikkunsidra meħtieġa jew xierqa. Dawk il-kundizzjonijiet għandhom ikunu xierqa, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

(2) Kull waħda mill-awtorizzazzjonijiet deskritta fir-regolament 6(1) għandu jkollha għadd minimu ta' kundizzjonijiet'ġenerali:

Iżda kundizzjonijiet speċjali fil-każ jistgħu jiġu annessi ma' awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti.

(3) Il-provditur awtorizzat għandu f'kull waqt jikkonforma ruħu ma' dawn ir-regolamenti u mal-kundizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni li jinħarġulu.

(4) Il-kundizzjonijiet inklużi fl-awtorizzazzjoni jista' jkun fihom, iżda mhux neċessarjament ikunu limitati għal, disposizzjonijiet dwar:

(a) l-għoti u t-terminu ta' l-awtorizzazzjoni;

(b) kundizzjonijiet dwar is-sospensjoni, il-varjazzjoni u t-trasferiment ta' l-awtorizzazzjoni;

(ċ) ħtiġiet għall-konformità mal-kundizzjonijiet, direzzjonijiet, ittri amministrattivi, *standards,* linji gwida, Kodiċi ta' Prattika jew ir-regoli imposti mill-Awtorità jew ħekk kif jistgħu jiġu stabbiliti bil-liġi;

(d) l-obbligi tal-provditur awtorizzat li jinkludu, iżda mhux limitati għall-obbligi dwar is-servizz lill-konsumatur u għall-ammont minimu ta' ħżin ta' *petroleum* li jsir b' sigurtà;

(e) il-promozzjoni ta' l-operazzjoni effiċjenti tas-suq tal-GPL u l-protezzjoni tal-konsumaturi skond l-irħas prezzijiet possibbli kkumbinati ma' l-ogħla kwalità tal-prodotti;

(f) sorveljanza u r-reġistrazzjoni ta' l-operazzjonijiet awtorizzati;

(ġ) rappurtaġġ, verifika u sottomissjoni ta' informazzjoni lill-Awtorità;

(g) spezzjoni, li jsiru kopji u jittieħdu estratti minn kotba u reġistrazzjonijiet miżmuma mill-provditur awtorizzat u t-twettiq ta' miżuri u testijiet relatati ma' kull faċilità, beni jew impjant sakemm dawn isiru minn spettur approvat;

(ħ) valutazzjoni u verifika ta' operazzjonijiet, attivitajiet u prattiċi u l-konformità tagħhom mal-kundizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni;

(h) regolament ta' kumpanniji sussidjarji u, jew kumpanniji li jkunu qegħdin jeżegwixxu parti mill-operazzjonijiet, attivitajiet u prattiċi regolati:

Iżda l-Ministru jista' jagħti direzzjonijiet bil-miktub ta' natura ta' *policy* lill-Awtorità relatati ma xi waħda mill-fatti t'hawn fuq li hu jidhirlu li jaffettwaw l-interess pubbliku.

(5) Kull persuna li tingħata awtorizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti għandha:

(a) tikkonforma ma' kull direzzjoni mogħtija mill-Awtorità fir-rigward ta' dawk il-fatti kif speċifikati fl-awtorizzazzjoni jew li huma deskritti b'mod speċifiku;

(b) teżegwixxi l-operazzjonijiet, l-attivitajiet u l-prattiċi regolati skond dawk il-kundizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni;

(ċ) taġixxi skond kull ħtieġa speċifikata fl-awtorizzazzjoni jew li hija deskritta b'mod speċifiku; u

(d) tikkonforma mad-deċiżjonijiet jew direzzjonijiet maħruġa mill-Awtorità biex ikun hemm konformità ma' xi obbligu internazzjonali ta' Malta.

Spezzjoni ta' faċilità awtorizzata.

13. (1) L-ispetturi għandhom jiġu awtorizzati biex jidħlu u jispezzjonaw kull faċilità awtorizzata, li fiha il-GPL ikun qiegħed jiġi maħżun, imħallat, jew li jkun qed jiġi trasportat, u jispezzjonaw kull tank, sistema ta' pajpijiet, pompa, *dispensers,* tagħmir ta' l-elettriku, id-drenaġġ, tagħmir anċillari u tagħmir ieħor jew beni direttament jew indirettament marbutin mat-twettiq tal-kundizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni biex jiġi aċċertat jekk dawn humiex skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjoni.

(2) Kull spettur ta' l-Awtorità hekk awtorizzat għandu f'kull ħin raġonevoli jingħata aċċess liberu għal faċilità awtorizzata, biex jaċċerta jekk il-kundizzjonijiet li jkunu jinsabu fl-awtorizzazzjoni humiex qed jiġu osservati kif imiss. Il-provditur awtorizzat għandu jagħti kull assistenza raġonevoli, li dak l-ispettur jista' jkun jeħtieġ għal dak il-għan.

Żamma ta' kontijiet u operazzjonijiet tal-GPL.

14. (1) Provdituri awtorizzati għandhom iżommu reġistrazzjonijiet ta' l-operazzjonijiet kollha fir-rigward ta' kull awtorizzazzjoni li huma għandhom u informazzjoni oħra dwar it-transazzjonijiet kollha tal-GPL li tagħhom għandhom permess taħt l-awtorizzazzjonijiet li jkunu fis-seħħ u li fejn hu applikabbli, iżommu l-oriġinali tal-kontijiet verifikati kollha fil-post prinċipali tan-negozju tagħhom bil-għan li jiġu verifikati mill-Awtorità. L-Awtorità tista' tagħmel kopji u tieħu estratti minn dawk ir-reġistrazzjonijiet, sew jekk

dawn ikollhom forma fiżika jew diġitali sew jekk tkun teħtieġ lill-provditur awtorizzat biex jipprovdi l-istess:

Iżda l-Awtorità għandha tittratta bħala kunfidenzjali kull informazzjoni miksuba mingħand il-provditur awtorizzat li dan jinforma lill-Awtorità li din hija sensittiva għall-kummerċ u li l-Awtorità taċċetta bħala tali, u meta tagħmel dan l-Awtorità m'għandha tiżvela ebda informazzjoni bħal dik sakemm ma tiġix mitluba tagħmel dan bil-liġi jew b'ordni tal-Qorti.

(2) L-Awtorità jkollha d-dritt li tippubblika informazzjoni dwar l-attivitajiet u l-istatistiċi relatati mal-GPL:

Iżda dik il-pubblikazzjoni m'għandhiex tkun tirreferi għal xi provditur awtorizzat speċifiku u għandha tkun skond il-liġijiet dwar il-protezzjoni u l-privatezza tad-*data*.

Disinn u bini ta' faċilità awtorizzata.

15. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti jew ta' kull liġi oħra, il-faċilitajiet awtorizzati ġodda kollha għandhom ikunu iddisinjati u mibnija skond livelli u speċifikazzjonijiet ordnati mill-Awtorità u, jew kull awtorità oħra kompetenti taħt il-liġi.

(2) Meta jitlestew id-disinn u l-bini, persuna kompetenti għandha tissottometti bil-miktub lill-Awtorità billi tiċċertifika li kull livell u ħtieġa ta' sigurtà imposti fuq il-faċilità awtorizzata jkunu ġew osservati.

Tibdil materjali.

16. (1) Il-provditur awtorizzat m'għandhux iwettaq jew jippermetti li jitwettaq xi tibdil materjali fil-faċilità awtorizzata, sakemm ma jinkisibx il-kunsens bil-miktub ta' l-Awtorità.

(2) Il-kunsens approvat għat-tibdil materjali mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti m'għandux jeżenta lill-provditur awtorizzat mill-ħtieġa li jikseb kull approvazzjoni oħra bil-miktub jew permess meħtieġ taħt xi liġi oħra.

(3) Ebda persuna, ħlief persuna kompetenti, jew persuna oħra approvata bil-miktub mill-Awtorità u immexxija mill-persuna kompetenti, m'għandha twettaq xi tibdil materjali fuq faċilità awtorizzata.

(4) Meta jkun qed isir it-tibdil materjali, il-persuna kompetenti għandha ssegwi kull linja gwida li l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien toħroġ.

(5) Ġaladarba t-tibdil materjali jkun twettaq, il-persuna kompetenti mqabbda mill-provditur awtorizzat biex twettaq it-tibdil materjali, għandha tippreżenta ċertifikat bil-miktub li juri li l-ħtiġiet tas-sigurtà kollha imposti fuq il-faċilità awtorizzata jkunu ġew osservati.

(6) L-Awtorità tista', sussegwentament għat-tibdil materjali msemmi fis-subregolament (5), tibgħat spettur sabiex iwettaq spezzjoni ta' verifika fuq il-faċilità awtorizzata.

Sospensjoni, revoka jew tħassir ta' awtorizzazzjoni.

17. (1) L-Awtorità tista', f'kull waqt matul il-perjodu li fih l-awtorizzazzjoni tkun valida, tordna s-sospensjoni, ir-revoka jew it-tħassir tagħha meta l-Awtorità tkun sodisfatta li:

(a) il-provditur awtorizzat ikun naqas jew ikun qed jonqos milli jimxi skond xi kundizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni jew skond dawn ir-regolamenti; jew

(b) il-provditur awtorizzat ma jippossjedix il-permessi u l-awtorizzazzjonijiet l-oħra kollha rilevanti li jinħarġu minn xi awtorità pubblika oħra; jew

(ċ) il-provditur awtorizzat ikun qieged jikser xi ħtieġa imposta bil-liġi; jew

(d) il-provditur awtorizzat jonqos milli jikkonforma ruħu ma' kull direttiva mogħtija mill-Awtorità fir-rigward ta' dawk il-fatti speċifikati fl-awtorizzazzjoni jew li huma deskritti b'mod speċifiku; jew

(e) kull informazzjoni inkluża fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew fl-applikazzjoni għat-tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni u li biha l-awtorizzazzjoni tkun inħarġet jew iġġeddet, skond kif ikun il-każ, tiġi determinata li hi falza; jew

(f) il-provditur awtorizzat ma jissodisfax il-kriterji fir-rigward ta' xi waħda jew aktar mill-kriterji msemmija f'regolament 10:

Iżda fl-eżerċizzju tas-setgħat għas-sospensjoni, revoka jew tħassir ta' l-awtorizzazzjonijiet, l-Awtorità tista' tikkunsidra n-natura tan-nuqqas, jew il-fatt li l-provditur awtorizzat ikun qed jieħu l-miżuri adatti li l-Awtorità tikkunsidra li huma neċessarji sabiex huwa jikkonforma ruħu mal-kundizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni jew ma' kull ħtieġa oħra li l-Awtorità taħseb li tkun rilevanti.

Tibdil eċċ. ta' awtorizzazzjoni.

18. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan ir-regolament, l-Awtorità tista' f'kull ħin matul il-perjodu li fih l-awtorizzazzjoni tkun valida, tbiddel, temenda, tissostitwixxi, iżżid jew tħassar il-kundizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni hekk kif taħseb li jkun meħtieġ jew xieraq:

Iżda, kull kundizzjoni li tkun modifikata, emendata, mibdula jew miżjuda għandha tkun xierqa, oġġettiva, trasparenti u mhux diskriminatorja:

Iżda wkoll, kull tħassir ta' xi kundizzjoni għandu jsir b'mod xieraq, oġġettiv, trasparenti u mhux diskriminatorju.

(2) Qabel ma tagħmel xi emendi, tibdil, żidiet jew tħassir fl-awtorizzazzjoni, l-Awtorità għandha:

(a) skond id-disposizzjonijiet tas-subregolament (3) tinforma b'dawn l-emendi, tibdil, żidiet jew tħassir fl-awtorizzazzjoni li tkun qegħda tipproponi li tagħmel;

(b) tiddikjara r-raġunijiet għaliex dawk l-emendi, tibdil, żidiet jew tħassir ikunu qegħdin jiġu proposti;

(ċ) tispeċifika l-perjodu (li m'għandux ikun ta' inqas minn xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tan-notifika) li fih għandhom isiru ilmenti jew oġġezzjonijiet fir-rigward tal-proposti li jkunu qegħdin isiru:

Iżda meta l-Awtorità tagħmel dan, hija għandha tikkunsidra kull ilment li jsirilha.

(3) In-notifika msemmija fis-subregolament (2) għandha:

(a) titressaq għall-attenzjoni tal-Ministru u tad-detenturi ta' l-awtorizzazzjoni;

(b) titressaq għall-attenzjoni tal-pubbliku permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż fil-Gazzetta.

Tmiem ta' awtorizzazzjoni.

19. (1) Meta provditur awtorizzat jew persuna awtorizzata jiddeċiedi jew tiddeċiedi li jissospendi jew tissospendi jew li jtemm jew ittemm l-awtorizzazzjoni li jkollu jew li jkollha biex iwettaq jew twettaq l-attività ta' distributur tal-GPL f'ammonti kbar jew biex iħaddem jew tħaddem installazzjoni fissa ta' pajpijiet jew biex iħaddem jew tħaddem faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL jew biex iwettaq jew twettaq l-attività bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlija bil-GPL inkluż

il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ, jew biex iħaddem jew tħaddem negozju ta' pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut, il-provditur awtorizzat jew il-persuna awtorizzata skond x'ikun il-każ, għandu jew għandha minnufih jgħarraf jew tgħarraf lill-Awtorità bil-mod stabbilit mill-Awtorità biex tinnotifika tali tmiem jew sospensjoni.

(2) Fuq rikononoxximent mill-Awtorità lill-provditur awtorizzat jew persuna awtorizzata bin-notifika msemmija fis-subregolament (1), l-awtorizzazzjoni, għandha tkun ikkunsidrata invalida u b'effett immedjat mid-data ta' tali rikonoxximent, l-attività ta' distributur ta' GPL f'ammonti kbar, l-operazzjoni ta' installazzjoni fissa ta' pajpijiet, it-twettiq ta' l-attivita tal-bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlija bil-GPL, inkluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ jew l-operazzjoni ta' negozju ta' pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut u l-operazzjoni ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL, għandha tkun meqjusa mhux awtorizzata.

(3) Irrilevanti minn kull notifika għal tmiem jew sospensjoni ta' awtorizzazzjoni, il-provditur awtorizzat, għandu jibqa' dovut għall-pagament ta' kull dritt ta' awtorizzazzjoni dovuta qabel tali notifika.

Trasferiment ta' awtorizzazzjoni.

20. (1) L-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti ma tistax tiġi trasferita validament *inter vivos* lil xi persuna oħra naturali jew ġuridika sakemm:

(a) min jittrasferixxi ma jinfurmax bil-miktub lill-Awtorità u bil-mod kif l-Awtorità tordna;

(b) l-Awtorità ma tkunx sodisfatta li minn ta' l-inqas l-istess kundizzjonijiet elenkati fir-regolament 10 qegħdin jiġu osservati;

(ċ) it-trasferiment ma jkunx soġġett għall-kundizzjonijiet imniżżla fl-awtorizzazzjoni; u

(d) l-Awtorità ma tapprovax bil-miktub it-trasferiment ta' l-awtorizzazzjoni:

Iżda li l-kiri tal-faċilità awtorizzata għandha teħtieġ l-ħruġ ta' awtorizzazzjoni'ġdida f'isem il-persuna li tieħu b'kiri l-faċilità awtorizzata.

(2) Awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti ma tistax tiġi validament mgħoddija *causa mortis* lil xi persuna oħra naturali jew ġuridika sakemm:

(a) lil min din tiġi trasferita ma jinfurmax bil-miktub lill-Awtorità bil-mod hekk kif l-Awtorità tordna;

(b) l-Awtorità ma tkunx sodisfatta li għall-anqas l-istess kundizzjonijiet tar-regolament 10 ikunu qegħdin jiġu mħarsa;

(ċ) it-trasferiment ma jkunx soġġett għall-kundizzjonijiet imsemmija fl-awtorizzazzjoni; u

(d) l-Awtorità ma tapprovax bil-miktub it-trasferiment ta' l-awtorizzazzjoni:

Iżda l-awtorizzazzjonijiet maħruġin skond dawn ir-regolamenti għandhom ikunu dritt indiviżibbli:

Iżda wkoll fil-każ li l-Awtorità tapprova it-trasferiment ta' l-awtorizzazzjoni hekk imsemmija, dan it-trasferiment għandu jkollu effett retrospettiv mid-data tal-mewt tad-*decujus*.

Ħżin projbit ta' GPL.

21. Il-ħżin tal-GPL f'sotterani jew garaxxijiet taħt l-art huwa projbit.

Ħtieġa ta' assigurazzjoni.

22. Kull awtorizzazzjoni maħruġa skond dawn ir-regolamenti għandu jkollha magħha polza ta' l-assigurazzjoni li ssir mill-provditur awtorizzat għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità. Il-polza ta' l-assigurazzjoni għandha tkun tkopri ir-responsabbiltà għal terzi.

Koperazzjoni ma' l-awtoritajiet.

23. Il-provditur awtorizzat għandu jikkopera f'kull skema promossa minn awtorità kompetenti, li tkun magħmula biex tiżgura li tkun intlaħqet l-effiċjenza massima għat-tifi tan-nar fis-settur, f'livell koperattiv nazzjonali.

Reġistru ta' awtorizzazzjonijiet.

24. (1) L-Awtorità għandha żżomm reġistru jew reġistri ta' l-awtorizzazzjonijiet li għandhom jinkludu reġistrazzjonijiet ta':

(a) l-awtorizzazzjonijiet kollha mogħtija taħt dawn ir-regolamenti; u

(b) l-applikazzjonijiet kollha għall-awtorizzazzjonijiet li tirievi u li tirrifjuta.

(2) Ir-reġistru jew ir-reġistri ta' l-awtorizzazzjonijiet għandhom jibqgħu jiġu riveduti u aġġornati.

Għoti ta' *data* lill-Awtorità.

25. L-Awtorità tista' teħtieġ li kull provditur awtorizzat jipprovdi d-*data* meħtieġa għall-Awtorità biex tissodisfa l-funzjonijiet tagħha biex tirregola, tissorvelja u tirrevedi il-prattiċi, l-operazzjonijiet u l-attivitajiet kollha li għandhom x'jaqsmu mas-suq tal-GPL.

Bord ta' l-Appelli dwar ir-Riżorsi.

26. Il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Riżorsi mwaqqaf mit-Taqsima IX ta' l-Att għandu jkollu ġurisdizzjoni li jisma' u jistabbilixxi appelli minn deċiżjonijiet ta' l-Awtorità magħmula taħt dawn ir-regolamenti.

Tilwien ta' LPG li jintuża għall-għanijiet ta' *autogas*.

27. It-tilwien ta' GPL li jintuża għall-għanijiet ta' *autogas* għandu jiġi mwettaq meta dan il-GPL ikun mgħobbi fuq *road tankers* skond il-metodu approvat mill-Awtorità.

Reati u penali.

28. (1) Persuna li:

(a) xjentement jew b'negliġenza taġixxi bi ksur lejn xi waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(b) xjentement jew b'negliġenza tikser xi kundizzjoni elenkata fl-awtorizzazzjonijiet msemmija f'dawn ir-regolamenti;

(ċ) tieħu sehem f'*boycott*;

(d) twettaq xi attività li tkun teħtieġ awtorizzazzjoni mingħajr ma tkun fil-pussess ta' awtorizzazzjoni valida;

(e) tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi ordni leġittima mogħtija minn spettur, impjegat jew uffiċjal ta' l-Awtorità waqt l-eżekuzzjoni ta' dmirijiethom skond dawn ir-regolamenti;

(f) tostakola, tfixkel, timmolesta jew tinterferixxi jew tipprova tfixkel, tostakola jew timmolesta jew tindaħal lil xi spettur, impjegat jew uffiċjal ta' l-Awtorità fl-eżekuzzjoni ta' dmirijiethom taħt dawn ir-regolamenti;

(ġ) tagħmel dikjarazzjoni għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti li tkun falza, qarrieqa jew skorretta f'xi aspett materjali, tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti u tista' meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal perjodu ta' mhux iktar minn tmintax-il-xahar, jew multa ta' mhux aktar minn, sebgħin elf euro (€ 70,000) jew ta' elf u ħames mitt euro (€ 1,500) għal kull jum li fih jibqa' għaddej ir-reat, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Ir-responsabbiltà ta' persuna li tinsab ħatja taħt is-subregolament (1) għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-

responsabbiltà tal-persuna li tinsab ħatja li tħallas lill-Awtorità l-ispejjeż li tkun ġarrbet biex tneħħi l-kaġun tar-reat u biex telimina dak kollu li sar mingħajr awtorizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti.

(3) Il-Qorti, barra li tordna l-piena msemmija f'dan ir-regolament, tista' tordna lill-persuni li jinsabu ħatja jagħlqu l-attività tagħhom u, jew li jeliminaw dak kollu li jkun sar mingħajr awtorizzazzjoni.

(4) Fil-prosekuzzjoni ta' reati kontra dawn ir-regolamenti, l-uffiċjali ta' l-Awtorità għandhom id-dritt jassistu lill-pulizija, u jittrattaw il-kawża quddiem il-Qorti.

(5) Uffiċjali mill-Awtorità jistgħu jassistu lill-Pulizija fl-eżerizzju ta' xi waħda mis-setgħat tagħhom sabiex jimpedixxu l-għemil ta' xi reat kontra dawn ir-regolamenti u, jew biex jiżguraw kull prova dwar dak ir-reat.

(6) Id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti m'għandhom jaffettwaw ebda proċeduri kriminali u, jew proċeduri oħra li jistgħu jiġu mibdija taħt xi liġi oħra.

Multi amministrattivi.

29. L-Awtorità tista' timponi multa amministrattiva fuq kull persuna li tikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew li tonqos milli tikkonforma ma' xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità biex tiżgura konformità ma' dawn ir-regolamenti.

L-EWWEL SKEDA

Regolament 7(5)

Dritt għall-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni li jrid jitħallas fir-rigward ta' applikazzjoni għal:

Awtorizzazzjoni sabiex titwettaq l-attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlijin bil-GPL minn post fiss ta' bejgħ;

Id-dritt li japplika għal applikazzjoni għal awtorizzazzjoni sabiex titwettaq l- attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlijin bil-GPL minn post fiss ta' bejgħ hu ta' € 60;

Awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet;

Id-dritt li japplika għal applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet hu ta' € 240;

Awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL

Id-dritt li japplika għal applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL hu ta' € 120;

Awtorizzazzjoni sabiex titwettaq l-attività ta' distributur tal-GPL f'ammonti kbar;

Id-dritt li japplika għal applikazzjoni għal awtorizzazzjoni sabiex titwettaq l- attività ta' distributur tal-GPL f'ammonti kbar hu ta' € 60;

Awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut;

Id-dritt li japplika għal applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut hu ta' € 120.

IT-TIENI SKEDA

Regolament 8(2)

Dritt ta' awtorizzazzjoni li jrid jitħallas fir-rigward ta':

Awtorizzazzjoni biex titwettaq l-attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlijin bil-GPL minn post fiss ta' bejgħ;

Id-dritt li japplika għal awtorizzazzjoni sabiex titwettaq l- attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlijin bil-GPL minn post fiss ta' bejgħ hu ta' € 24 fis-sena;

Awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet;

Id-dritt li japplika għal awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet hu ta' € 24 fis-sena;

Awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL;

Id-dritt li japplika għal awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-GPL hu ta' € 24 fis-sena;

Awtorizzazzjoni sabiex titwettaq l-attività ta' distributur tal-GPL f'ammonti kbar;

Id-dritt li japplika għal awtorizzazzjoni sabiex titwettaq l- attività ta' distributur tal-GPL f'ammonti kbar hu ta' € 24 fis-sena;

Awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut;

Id-dritt li japplika għal awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' pompa ta' *autogas* li jinbiegħ bl-imnut hu ta' € 60 fis-sena.